# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali .: 306/2023MH**

**Numru:7**

**Roy Joseph Cremona**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat u**

**Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur li ressaq lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali billi qal u talab li ġej:-

1. *Permezz ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Ian Farrugia nhar l-20 ta' Frar 2023, ir-rikorrent gie misjub hati inter alia talli nhar it-30 ta' Jannar tas-sena 2008 gewwa l-Belt Valletta huwa xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib iew habi ta' ammont ta' sigaretti bla dazju u konsegwentament gie kkundannat ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) u ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' €14,720.40*[1] *Di piu, l-Qorti ordnat il-konfiska tas-sigaretti/tabakk mertu tal-kawza u tal-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CIG-004.*

2. *Ir-rikorrent intavola appell minn tali gudizzju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn permezz ta' gravam solitu huwa illanja s-sentenza appellata billi sahaq li mill-atti processwali ma temergix prova wahda univoka u legalment ammissibbli li s-sigaretti de quo kienu filfatt zdazzjati. Ghalhekk, il-posizzjoni tad-difiza kienet semplici u cara hafna u cioe' sabiex persuna tista' tinstab hatja ta' reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u reati konnessi, il-Prosekuzzjoni ghandha necessarjament taghmel il-prova li ma kienx thallas dazju fuq is-sigaretti koncernati, xi haga li fil-kaz de quo baqghet ma saritx.*

3. *Tant filfatt tali prova ma ngiebet qatt li l-ko-akkuzat Anton Mallia, li quddiem il-Qorti tal-Magtrati l-proceduri penali fil-konfront tieghu kienu qeghdin jinstemaw kontestwalment ma' dawk tar-rikorrent, gie liberat fi stadju ta' appell permezz ta' sentenza moghtija nhar il-25 ta' Gunju 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*[2] *proprju ghaliex prova li s-sigaretti de quo ma kienux dazjati ma tressqitx. Sahqet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali f'dik li dan l-istat ta' fatt jehtieg li jkun pruvat u mhux prezunt.*

4. *Kwindi r-rikorrent diga garrab ingustizzja u safa pregudikat bil-fatt li l-ko-akkuzat tieghu, li kien mixli b'imputazzjonijiet identiti f'kaz li mexa' kontestwalment ma' tieghu, gie Iliberat propju fuq ilment legali*

[1] Li terz minnu, ossia l-ammont ta' €4908.08, huwa pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali tad-Dwana u l-bilanc rimanenti ta' €9,813.60 ghandu jithallas skont il-ligi.

[2] Il-Pulizija (Spt.Ian J. Abdilla) v. Anton Mallia Appell Nru. 409/2016 per Onor. Imhallef Giovanni Grixti.

*ident:iku li r-rikorrent stess qanqal fi grad ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.*

5. *Pero' r-rikorrenti ma kellux ix-xorti ta' Anton Mallia. Dan ghaliex fis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu nhar il-25 ta' Mejju 2023*[3] *il-Qort:i tal-Appell Kriminali gabet fix-xejn id-drittijiet fondamentali tieghu u pprocediet sabiex tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti u dana billi* ***sejset il-gudizzju taghha unikament fuq prova inammissibbli ossia fuq l-istqarrija tieghu li giet rilaxxata lura fis-sena 2008****. Testwalment, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet hekk:*

*"F'din il-kawza l-appellant ghazel li jirrilaxja stqarriia a tempo vergine tal-investigazzjoni, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 32 tal-atti mmarkata bhala dok IJA1 u fiha l-appellant jistqarr li huwa jaf li hu illegali li jkollok sigaretti duty free. Illi meta gie dan naturalment kienet inferenza lejn il-fatt li kellu sigaretti dutyfree fil-pussess tieghu. L-appellant ma nnegax li fil-fatt is-sigaretti li kellu fil-pusess tieghu kienu fil-fatt duty free u ghalhekk mhux talli ma tressqitx prova li s-sigaretti kienu bla dazju mhallas izda kien jaf li hu reat li jkollok pusess ta' sigaretti dazjati." [sottolinejar tar-rikorrent].*[4]

6. *Kif sejjer jigi sottomess, din l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent fis-sena 2008, mhux biss hija legalment inammissibbli u kwindi l-Qorti tal-Appell Kriminali qatt ma kellha taghmel referenza ghaliha, izda terga u tghid fl-istess stqarrija r-rikorrent lanqas biss ammetta li s-sigaretti maqbuda fil-kaz de quo kienu zdazjati izda tenna biss li huwa edott mill-fatt li huwa illegali li wiehed ikol_lu fil-pussess tieghu sigaretti duty-free!*

7. *L-gharbiel gudizzjarju tal-Qorti tal-Appell Kriminali mhux biss allura huwa wiehed legalment erroneju, monk u difettuz in kwantu l-istess Qorti siltet inferenzi spekulattivi u skorretti mill-istqarrija tar-rikorrent izda aghar minn hekk ghaliex din l-istqarrija, billi hija nieqsa minn valur probatorju, ma kelliex tissemma multo magis tigi msejsa l-htija fuqha!*

[3] Il-Pulizija (Spt.Ian J. Abdilla) v. Roy Joseph Cremona, Appell Nru. 90/2017 per Onor. Imahallef C. Scerri Herrera.

[4] Pagna 31 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Ian J Abdilla) v. Roy Joseph Cremona, Appell Nru. 90/2017, deciza nhar il-25 ta' Mejju 2023.

8. *Dan l-ezercizzju gudizzjarju monk sar b'detriment u in ommagg tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent in kwantu illum huwa palesi li stqarrijiet rilaxxati Pre-2010 huma lezivi tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq u dana billi qabel l-emendi li gew introdotti fil-ligi fis-sena 2010, suspettati interrogati mill-Pulizija ma kellhom jedd ghall-ebda forma ta' assistenza legali u dana billi l-hekk msejjha 'pre-2010 position' kienet teskludi dan id-dritt b'mod sistematiku.*

9. *Il-posizzjoni gurisprudenzjali in kwantu 'pre-2010 statements' hija ormai wahda pacifika — posizzjoni u kkonfermata b'ghadd ta' sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fosthom is-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Kevin Sammut**' moghtija nhar is-16 ta' Frar 2022*[5]*, is-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri**' wkoll moghtija nhar is-16 ta' Frar 2022*[6]*, u wkoll permezz ta' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) , fosthom is-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubbfika ta' Malta v. Ismael Habesh u Faical Mahouachi**', moghtija nhar it-22 ta' Settembru 2021*[7] *u s-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Kevin Gatt**' moghtija nhar is-27 ta' Ottubru 2021*[8] *fejn gie wkoll deciz li ebda uzu ma ghandu jsir fic-celebrazzjoni tal-guri tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat lil pulizija u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula lill-investigaturi mill-mument tal-arrest tieghu.*

10. *Mhux biss kienu l-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) li ppronunzjaw ruhhom in materja izda kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u anke l-Qorti Kriminali ppresjeduta mill-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera stess li diversament iddikjarat bhala inammissibbli stqarrijiet li ma kienux koperti u kawtelati bid-dritt tal-avukat. Fost l-ohrajn, ir-rikorrent jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo**', moghtija nhar il-15 ta' Frar 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Conseulo Scerri Herrera fejn fuq skorta ta' kazistika ampja gie ritenut hekk:*

[5] Per S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor. Imhallef Edwina Grima u Onor. Imhallef Giovanni Grixti.

[6] Per S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor. Imhallef Edwina Grima u Onor. Imhallef Giovanni Grixti.

[7] Per S.T.O Prim Imhallef Mark Chctcuti, Onor. Imhallef Edwina Grima u Onor. Imhallef Giovanni Grixti.

[8] Per S.T.O Prim Imhalef Mark Chetcuti Onor. Imhallef Edwina Grima u Onor. Imhallef Aaron Bugeja.

*" Illi in vista ta' dak kollu citat supra, jidher illi filwaqt illi l-enfasi qeghda illi kull kaz ghandu jigi mistharreg individwalment, ricentament jidher illi filwaqt li stqarrijiet li ttiehdu qabel 1-10 ta' Frar 2010, meta akkuzat jew suspettat ma kellu l-ebda dritt ta' assistenza legali, qed jigu ddikjarati bhala inammissibli u dan stante l-fatt illi 1-akkuzat jew suspettat ma kellu ebda forma ta' difiza u dan jista' jissarraf f'pregudizzju irrimedjabbli. Mhux l-istess jista' jintqal ghall-stqarrijiet li ttiehdu wara l-10 ta' Frar 2010 stante li wara din id-data akkuzat jew suspettat kellu forma ta' assistenza legali ghalkemm limitata.*

*Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-akkuzat Anthony Bugeja irrilaxxa tlett stqarrijiet, fejn ghall-ewwel tnejn ma nghatatlux twissija filwaqt ghall-ahhar wahda tal-20 ta' Ottubru nghata l-'caution' skond il-ligi ta' dak iz-zmien. Piero Di Bartolo rrilaxxa erba' stqarrijiet fejn ma nghatax is-solita twissija ghall-ewwel stqarrija li rrilaxxa, filwaqt li nghata ghall-ahhar tlieta.* ***L-istqarrijiet kollha ttiehdu fis-sena 2005 u ghalhekk l-akkuzati ma kellhom l-ebda assistenza legali, kemm qabel u anke matul l-interrogatorju. Huma ma nghataw l-ebda dritt li jfittxu l-ghajnuna ta' avukat sabiex la jaghtihom parir legali u lanqas biex jassistihom matul l-interrogazioni,*** *u dan billi dan id-dritt istqarrijiet, jidher illi l-akkuzati, fejn inghataw t-twissija, intqalilhom li huma ghandhom d-dritt li ma jghidu xejn izda jekk jaghzlu li jghidu xi haga tista' tingieb bhala prova kontrihom.* ***Madankollu, xorta jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm pregudizzju kontra l-akkuzati, specjalment meta min hu imsejjah biex jiggudika jara t-twegibiet minnhom moghtija fl-istqarrijiet taghhom u meta huma ma kellhom jedd ghall-ebda difiza. Ghalhekk, meta hadet in konsiderazzjoni dak kollu sucitat, din il-Qorti hi tal-fhema illi fir-rigward tal-istqarrijiet tal-akkuzati u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza ghalihom ghandhom jigu ddikjarati inammissibli.*** *" [sottolinejar tar-rikorrent].*

11. *In kwantu huwa koncernat 1-gharbiel gudizzjarju difettuz li embarkat fuqu l-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent jaghmel referenza wkoll ghat-taghlim tal-awturi* ***Van Dijk & Van Hoof,*** *fil-ktieb taghhom intitolat: Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998), fejn hemm gie ritenut illi:*

*"When is a hearing "fair"? In the Kraska Case, the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: '...to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the*

*submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision"*

12. *Di piu, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, F'sentenza moghtija nhar il-15 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet* ***'Khamidov vs Russia'***[9] *rriteniet illi:*

*"173. On the other hand, whilst acknowledging the domestic judicial authorities' prerogative to assess the evidence and decide what is relevant and admissible, the Court reiterates that Article 6 § 1 places the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties (see Van de Hurk v. the Netherlands, judgment of 19 April 1994, Series A no. 288, p. 19, § 59)."*

13. *Issir referenza wkoll ghal dak mgha]lem minn* ***Karen Reid*** *permezz tal-pubblikazzjoni taghha intitolata: A Practitioner's Guide fo the European Convention on Human Rights, fejn kie mghallem hekk:*

*'While the conformity of a trial with the requirements of article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall'.*

14. *Fid-dawl ta' dan in-nuqqas pregudizzjali li sar fi stadju ta' revizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u kif tali nuqqas flagranti mpinga fuq is-sejbien ta' htija u konsegwentament fuq id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti jaghmel ukoll referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet* ***'Carmel Saliba vs Malta'***[10] *moghtija nhar l-24 ta' April 2017 fein gie deciza hekk:*

*"79. The Court considers that the various failures mentioned above, might not individually suffice to find that the applicant had an unfair trial. Nevertheless, the Court cannot ignore the various shortcomings in the proceedings in the present case, particularly the failure to give reasons in respect of the conflicting evidence (see paragraphs 69-74 above) and in respect of the applicant's requests which were shot down*

[9] Applikazzjoni Nru. 72118/01.
[10] Applikazzjoni Nru. 24221/13.

*with little or no motivation whatsoever (see paragraphs 76 and 77 above).*

*80. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that there had been a violation of Article 6 § 1 of the convention."*

15. *Dan kollu jorbot ukoll ma' dak mghallem mill-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera stess fil-pubblikazzjoni ricenti taghha intitolata Four Cardinal Rights of a suspect prior io an investigation', fejn gie ritenut illi:*

*"In other words, an illegally obtained piece of evidence can contaminate the whole criminal process".*

16. *Konsegwentament, l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent fis-sena 2008 u kull referenza ghaliha ma kellha qatt tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-gudizzju taghha ta' nhar il-25 ta' Mejju 2023 u dana billi tali stqarriia giet rilaxxjata fi meta r-rikorrent ma nghatalux il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu, la qabel u wisq inqas matul it-tehid taghha u dana bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) moqri flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

17. *Tali stqarrija kellha ghalhekk titwarrab u titqies bhala inammissibli u billi invece s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar il-25 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Roy Joseph Cremona**'*[11] *u l-gharbiel gudizzjarju hemm maghmul huwa unikament msejjes fuq dak mistqarr mir-rikorrent f'din l-istqarrija - liema stqarrija hija leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu — tali sentenza ghandha tigi dikjarata bhala wahda nulla u invalida fil-ligi.*

Talbiet:

18. *Ghaldaqstant, fid-dawl tas-su espost kollu, r-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

[11] Appell Nru. 90/2017.

i. *Tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent fis-sena 2008, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 32 tal-atti processwali tal- kawza: Il-Pulizija v. Roy Joseph Cremona, Appell Nru. 90/2107 u mmarkata bhala Dok IJA1 bhala leziva tad-dritt fundamental ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti salvagwardjat mill-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom;*

ii. *Tiddikjara konsegwentament l-agir tal-intimati jew min minnhom bhala illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi tali agir huwa vjolattiv tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom;*

iii. *Tiddikjara konsegwentement is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar il-25 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Roy Joseph Cremona – Appell Nru. 90/2017 bhala wahda nulla u minghajr effett;*

iv. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.*

Rat ir-risposta ta' l-intimat Avukat ta' l-Istat li eċċepixxa dan għat-talbiet

mressqa:_

1. *Illi in linea preliminari, kif spiss jinghad f'dawn 1-okkazjonijiet, qorti moghnija b'setghat kostituzzjonali/konvenzjonali m'ghandhiex tigi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilhaqq proceduri konvenzjonali taht il-**Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta** mhumiex mahsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat, u dan specjalment meta titqajjem allegata vjolazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**. Proprju f'dan il-kaz ir-rikorrent qieghed jipprova jghatti l-ilment tieghu bil-libsa konvenzjonali meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghalhekk ilmenti bhal dawn ma jistghux jigi mistharrga mil-lenti konvenzjonali u ghalhekk ghandhom jigu mwarrba;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, hemm il-fatt l-iehor sew maghruf fid-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali li azzjoni bhal din ghandha titressaq*

*kemm jista' jkun wara li jintuzaw ir-rimedji ordinarji kollha. Kien nuqqas da parti tar-rikorrent li ma jaghmilx mir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih. Tabilhaqq mhuwiex xoghol ta' din 1-Onorabbli Qorti li toqghod tiddeciedi fuq hwejjeg li setghu gew decizi mill-qorti ordinarja kompetenti. Kif inghad f'bosta sentenzi kostituzzjonali, fil-process gudizzjarju penali huwa l-gudikant fil-qrati kriminali li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-moderatur tal-proceduri li jizgura mhux biss li jinzamm bilanc bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli ghalihom biex jiddefendu r-rispettivi pozizzjonijiet taghhom, imma huwa wkoll moghti mil-ligi s-setghat u l-mezzi l-ohrajn kollha biex ikun jista' jizgura process gust u xieraq (ara* ***Emmanuel sive Leli Camilleri vs. il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta*[l] *Dicembru 2000);*

3. *Ghalhekk fid-dawl tal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari, l-esponent qieghed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqghod lura milli tinqeda bis-setghat kostituzzjonali taghha taht l-proviso tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;***

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti;*

5. *Illi jibda billi jinghad li biex tinstab lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif imhares taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni,** huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita' kollha tieghu. Bhala regola, biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m' ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali individwali imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara **Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996);*

6. *Illi meta wiehed jigi biex jifhem kif japplikaw l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (Ara Kost. 4.8.1999 filkawia fl-ismijiet **Fenech vs. Avukat Generali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213)).*

*Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (Kost. 18.8.1998 fil-kawza fl-ismijiet* ***Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol: LXXXII.i.158, a fol. 225)).*

7. *Illi f'dan il-kaz partikolari certament ma hemmx nuqqas ta' smigh xieraq ghaliex allegatament gie mcahhad milli jkun assistit minn avukat ta' fiducja tieghu waqt l-istqarrija. Tajjeb li jigi relevat li r-rikorrent xehed minn jeddu u b'mod volontarju quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali fl-24 ta' Novembru 2016. Fl-istess xhieda tieghu huwa kkonferma l-istqarrija tieghu. Kienet ghazla volontarja tar-rikorrent li jixhed minn jeddu fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2016 u kienet ghazla volontarja tieghu li jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija. Kieku verament ir-rikorrent ma kienx jaqbel mal-kontenut tal-istess stqarrija, facilment seta' xehed rigward dan jew talab l-isfilz taghha tramite l-avukat tieghu. Jirrizulta li r-rikorrent kien assistit minn avukat matul il-proceduri u ghalhekk ir-rikorrent kellu kull opportuntia' li jikkontesta l-istqarrija matul il-proceduri kriminali u li jressaq il-provi tieghu u l jaghmel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Ghalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li qieghda tigi attakata mir-rikorrent certament*

*ma tivjolax id-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

8. *Bi sfiq ma' dan, jedd ghas-smigh xieraq ma jitkejjilx fuq jekk il-kawza tintrebah jew tintitlef. Ir-rikorrent bhal donnu qieghed jippretendi li jista' joqghod jallega li gew miksura d-drittijiet tieghu ghaliex l-ezitu tal-proceduri kriminali ma kienux kif xtaq hu u dan sabiex jipprova jikseb ezitu differenti. Warra kollox, sentenzi li saru res iudicata ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod iehor. Barra minn hekk, l-azzjoni konvenzjonali m'ghandhiex tintuza biex wara li jkunu gew mitmuma l-proceduri kriminali tinfetah opportunità gdida ghal hati biex iressaq provi godda jew differenti li huwa ma jkunx ressaq fil-proceduri kriminali;*

9. *Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Grand Chamber fl-ismijiet '****Beuze vs. Belgium****'[12] u '****Farrugia vs. Malta****'[13]. Il-Qorti Ewropea qieset li f' kaz li jkun hemm restrizzjoni ghall-assistenza*

[12] Deciza fid-9 ta' Novembru 2018 (Applikazzjoni numru.71409/10)

[13] Deciza fil-4 ta' Gunju 2019 u reza finali fis-7 ta'Ottubru 2019 (Applikazzjoni numru. 63041/13)

*<u>legali waqt 1-interrogatorju, ma jkunx hemm ksur ghad-dritt ghal smigh xieraq b'mod awtomatiku</u> izda f'dawk il-kazijiet ikunu jridu jigu applikati Zewg testijiet: (a) it-test tal-ezistenza tal-compelling reasons; u (b) it-test tal-overall fairness tal-proceduri;*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fejn qal:_

1. *Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-eccipjenti Registratur Qrati u Tribunali Kriminati m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;*

2. *Illi mir-rikors tieghu jidher li r-rikorrent qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghal fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha datata 25 ta' Mejju, 2023, hadet in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrenti fis-sena 2008 liema stqarrija kienet ttiehdet minghajr id-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu u ghar-ragunijiet segwenti, l-esponenti zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli.*

3. *Illi f'dan ir-rigward ssir riferenza ghal kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.*

4. *Illi in oltre l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-**ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:*

*'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela*

*li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur. '*

5. *Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti;*

6. *Illi multo magis il-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

   *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju — anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet min qhandhom skond il-liqi — u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati. '*

7. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.*

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Ikkunsidrat

Illi din il-kawża hija waħda primarjament mressqa biex tattakka u tfittex li tiġi dikjarata nulla sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 25 ta' Mejju, 2023

ppronunzjata kontra r-rikorrenti n kwantu il-Qorti biex wasslet għal ħtija għaqdet fuq stqarrija li skont l-istess rikorrenti mhux ammisssbili skont il-liġi.

L-eċċeżżjonijiet preliminari mressqa miż-żewġ intimati huma kif ġej

-Ir-Reġistratur imsemmi jgħid li hu mhux il-leġittimu kontradittur biex iwieġeb għal din ix-xilja u tista' tgħid li żżomm ferm dan matul ir-risposta tiegħu;

-l-Avukat ta' L-Istat da parti tiegħu jressaq difiża li;

-din il-lanjanza hawn m'għandhiex lok in kwantu titlob lil din il-Qorti tagħmilha ta' Qorti revisorja u tiddelibera kif l-Qorti ta'l-Appell Kriminali ivvalutat il-provi,

ukoll

-illi r-rikorrenti m'għadiex biex jeżawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ma għamel rikors għal Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

**<u>Eċċezzjonijiet</u>**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mhux il-leġittimu kontradittur biex iwieġeb għal din ix-xilja.**

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li f'dan l-intimat għandu ragun f din il-linja difenzjonali. Il-Qorti ma tħoss li għandha tiddelunga fit-tul fir-rigward u tagħmel ampja referenza għal ġurisprdenza ċċittata fir-risposta ta' dan l-intimat *supra.* Kif ġie ripetutament miżmum ir-Reġistratur tal-Qrati ma jista' qatt jinżamm responsabbli għal deċiżjonijiet tal-Ġudikatura, ġia għax għar-ragunijiet tant ovvji huma indipendenti minnu u din sew fl-ambitu tas-Saltna tad-Dritt.

**<u>Kompetenza ta' din il-Qorti.</u>**

Eċċezzjoni oħra mressqa li taf ukoll mill-ovvju tolqot il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' indoli Kostituzzjonali/Konvenzjonali. Sew jgħid l-Avukat ta' l-Istat meta jsostni lli dawn il-Qrati m'għandhomx jintużaw bħala Qorti tat-tielet grad għax ċertament mhux fil-kompetenza ta' din il-Qorti li b'xi mod teżamina jew terġa tivaluta l-provi ġia skrutinati mhux biss mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatuta Kriminali, imma wisq ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).

Il-kompetenza tal-Qrati ta' indolu Kostituzzjonali u Konvenzjonali hija sew arginata b'dak li tgħid il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ma tagħti ebda lok biex dawn il-Qrati, anke jekk vera jista jkun l-kaz ta' lezzjoni kif allegat, illi tagħmel valutazzjoni mill-ġdid tal-provi kkunsidrati mill-Qrati

Kriminali. Dak li qed jitlob ir-rikorrenti huwa ġuridikament insostenibbli n kwantu din il-Qorti mhux waħda revisorja.

Hekk hi mistiedna tagħmel din il-Qorti fil-konfront ta' dak mressqa fir-rikors promotur fejn ġie llmentat illi-

- Illi ma kienx hemm prova waħda lis-sigaretti kienu zdazjati (tista tgħid li dan issegwi n parte biċċa mill-motivazzjoni tas-sentenza ta' Anton Mallia mogħtija preċedentement, ukoll imressqa b'akkużi identiċi).
- Illi l-imsemmi Anton Mallia mressaq bl-istess akkużi ġie liberat n kwantu l-istqarrija tiegħu kienet inammissibbli. Ukoll għax fil-kaz tiegħu ma nġabet ebda prova lis-sigaretti kienux dazjati.

Ċar minn dan li din il-Qorti hija mitluba b'mod sfaċċat li terġa tirrivaluta provi konsiderati mill-unika Qrati li setgħu jagħmlu dan .

**Konsegwentement anke din l-eċċeżżjoni għandha mis-sewwa.**

**<u>Rimedji ordinarji</u>**

L-Avukat ta' L-Istat jressaq ukoll id-difiza lir-rikorrenti ma eżawrixx ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni tiegħu.

Anke hawn dan l-intimat għandu ragun, basta li wieħed iħares lejn kull gravam li ressaq fl-appell u di piu f'dak li m'għamilx quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Kien jispetta biss u unikament lil imputat tramite l-assistenza legali tiegħu li jressaq kull ilment quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali għal valutazzjoni u konsiderazzjoni tagħhom. Ma jistax issa jippretendi li din il-Qorti **f'din il-kompetenza** teżamina dak li kien jispetta lilu jeċepixxi u jressaq quddiem il-Qrati Kriminali.

Pero b'dan ma jfissirx li din il-Qorti hija svestita milli teżamina dak li vera hu ta' lanjanza kostituzzjonali/konvenzjonali u ċioe' jekk l-użu ta' l-istqarrija mogħtija mingħajr il-premess ta' assistenza legali jinċidix fuq is-smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ukoll 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dan jingħad fl-ambitu tat-tgħallim ġurisprudenzjali fir-rigward.

Għalhekk fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ramon Fenech vs Avukat ta' l-Istat**[14] il-Qorti kellha dan xi tgħid fir-rigward:-

> *"Din id-difiża tal-Avukat tal-Istat hija mibnija fuq il-ħsieb li, qabel ma persuna tersaq quddiem din il-qorti biex tingħata rimedju għall-ksur ta' jedd fundamentali tagħha, hija trid tkun inqdiet l-ewwel bir-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħti lil dik il-persuna f'dik il-qagħda;*
>
> *Insibu fil-**provisos** għall-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għall**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-leġislatur ħalla*

[14] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sede Kost 28/10/2022 rikors 31/2022

*fl-għaqal tal-Qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-provisos ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara* ***Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et*** *deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);*

*Id-diskrezzjoni dwar jekk qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess qorti minn rajha, anke jekk ma jkunx hemm eċċezzjoni formali mill-partijiet (ara* ***Easygas Malta Ltd v. Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2012,* ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013,* ***Valletta Freight Services Limted v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2015 u* ***Rosaria Borġ Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019);*

*Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-Sentenza,* ***Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja*** *mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,*

*«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

*Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** *deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-****provisos*** *tal-****artikolu 46(2)*** *tal-****Kostituzzjoni*** *u tal-****artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta*** *kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet* ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** *u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet* ***Teddy Rapa v. Chairman talAwtorità tal-Ippjanar et****);*

*Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-sentenza,* ***Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2*

*ta' Novembru, 2001 li,*

*«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»*

*Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara* ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005,* ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007,* ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013,* ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u* ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020)* ***jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005);*** ***<u>(enfasi ta' din il-Qorti).</u>***

*Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u* ***Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara* ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);*

*Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-Qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara* ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u* ***Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara* ***Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002,* ***John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u* ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);"*

L-istess ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmel sive Lino Caruana vs Avukat ta' l-Istat** fejn il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid in tematika:-

*"Din il-Qorti titlaq billi tosserva illi l-***provisos** *għall-***Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** *u għall-***Artikolu 4(2)** *tal-***Att dwar ilKonvenzjoni Ewropea***, jgħidu illi l-Qorti tista', jekk tqis li jkun hekk desiderabbli li tagħmel, illi tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha, f'kull każ meta hija tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

*Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** *deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, dawn il-provisos kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet* ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** *u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet* ***Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et****).*

*21. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-Qrati Kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara* ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005,* ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Settembru, 2007,* ***Olaf Cini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013,* ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015, u* ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju* ***A & J Hili ta' Miema Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud****, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005).*

22. *Minkejja dan kollu, huwa mistenni li din ir-regola m'għandhiex tintuża superfiċjalment biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilitajiet tagħha milli tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali. F'dan is-sens, l-appellant Camilleri jgħid sew illi din ir-regola, li wieħed għandu l-ewwel*

*ifittex li jinqeda bir-rimedji ordinarji kollha qabel ma jdur għall-azzjoni kostituzzjonali, mhijiex regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika.*

23. *Meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Ir-rimedju ordinarju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil5 ta' April, 1991, u* ***Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). Biex ir-rimedju jitqies bħala wieħed effettiv, m'hemmx għalfejn li jintwera li dak ir-rimedju jkun wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit. Biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi wżat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara* ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014).*

24. *Il-Qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, irrimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed.*

25. *Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara* ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u* ***Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019). Hekk ukoll ir-rikorrent m'għandux jiġi mċaħħad milli jinqeda bir-rimedju kostituzzjonali jekk jintwera li l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda ta' fula f'qargħa (ara* ***Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru*** *deċiża millQorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2003,* ***John Mattei et v. LAwtorità tad-Djar et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u* ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022).*

26. *Illi meta wieħed jorbot dawn il-prinċipji legali man-natura tal-ilment kostituzzjonali mressaq mill-appellant Camilleri, joħroġ bil-wisq evidenti li dan il-każ huwa xbiha ċara fejn huwa desiderabbli li bit-tħaddim Tal*

*provisos fuq imsemmija, Qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali għandha toqgħod lura milli teżerċita s-setgħat tagħha.*

27. *Huwa bil-wisq ovvju li l-istima tal-espert ġudizzjarju kellha tiġi attakkata mill-appellant Camilleri bil-mezz ta' talba għall-ħatra ta' esperti addizzjonali skont l-**Artikolu 674 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u mhux bil-mezz ta' kawża kostituzzjonali."*

Insibu ripetut li dan ir-rimedju daqshekk straordinarju għar-rikors Konvenzjonali u Kostituzzjonali mhux permess meta rimedju ordinarju li kien effettiv, effikaċi u ad disposizzjoni tar-rikorrenti ġie utilizzat b'mod ħażin, dan intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Wasim Rakib vs l-Agenzija Għal Protezzjoni Internazzjonali et.** [15]

*"33 Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et** deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-**provisos** tal-**artikolu 46(2)** tal-**Kostituzzjoni** u tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet **Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et** u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet **Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et**);*

*34 Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara **Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, **John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, **Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, **Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u **JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et** deċiża mill-*

[15] 11/11/2022 rikors 79/2022 Prim'Awla sede Kost.

*Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju **A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar 2005) ;"*

Terġa ttenni lli kien jispetta lir-rikorrenti illi jattakka hu l-istqarrija tiegħu rilaxxata fis-sena 2008. Dan ma għamlux. Issa biex jaħrab l-effetti tagħha, skontu meħuda waħida u iżolata minn provi oħra, qed jressaq dan l-ilment.

Għalkemm il-Qorti tqies lir-rikorrenti falla minn dan l-aspett u żżomm ferma mal fehma ta' l-Avukat ta' l-Istat lir-rikorrenti naqqas li jeżawrixxi r-rimedji ordinarji li kienu a disposizzjoni tiegħu, konsiderando li hu xehed minn jeddu tard fis-sena 2016, meta kienu ġia għaddew emendi relatati ma' l-assitenza legali tul it-teħid ta' l-istqarrija, xorta se tgħaddi biex tqies l-ilment tiegħu li l-użu ta' l-istqarrija tiegħu għas-sejbien ta' ħtija, waħda meħuda mingħajr l-assistenza leġali, jilledi l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Għal dan l-iskop il-Qorti se tagħmel referenza fit-tul għal ġurisprudenza lokali.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emmanuel Spagnol vs L-Avukat Ġenerali et.**[16] Intqal dan fir-rigward:_

*"L-Ewwel Aggravju .*

[16] Deċiża 31.5.2023 rikors 12/2018/1AF

*7. L-appellanti jilmenta li l-Ewwel Qorti ma fehmitx sew l-ilment tiegħu. Jispjega li l-ilment tiegħu f'din il-kawża huwa li d-drittijiet fundamentali tiegħu sejrin jiġu leżi jekk l-istqarrijiet rilaxxati minnu jkollhom piż probatorju u dan peress li ġew rilaxxati meta huwa ma ngħatax id-dritt li jkollu avukat preżenti miegħu waqt l-interrogazzjoni, u dawn id-dikjarazzjoni ser iniġġsu l-proċess penali b'mod illi jxekklu l-"overall fairness of the proceedings." Jargumenta li mill-provi jirriżulta ampjament li huwa ma kienx ingħata d-dritt li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt linterrogazzjonijiet tiegħu mhux minħabba xi raġuni impellenti iżda minħabba li dan id-dritt ma kienx għadu rikonoxxut fil-liġi Maltija. Jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni diversi sentenzi talQorti li kkonfermaw li stqarrija rilaxxata mingħajr assistenza legali waqt linterrogazzjoni hija leżiva tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u għandha tiġi sfilzata mill-atti tal-proċeduri kriminali. Jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li huwa qajjem dan l-ilment wara diversi snin, u jgħid li dawn l-iżvilupp ġurisprudenzjali seħħew wara medda ta' snin minn meta huwa ġie interrogat u li fi kwalunkwe każ iddrittijiet fundamentali mhumiex milquta bi preskrizzjoni. Jilmenta wkoll dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-prosekuzzjoni għandha provi oħra kontra tiegħu u jgħid li skont il-ġurisprudenza anke f'dan il-każ listqarrija m'għandhiex tingħata piż probatorju. Isostni li kkonsidrat li huwa għamel dikjarazzjoni inkriminanti matul l-interrogazzjoni tiegħu, u kkonsidrat li ma kien hemm l-ebda raġuni impellenti biex jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni, l-istqarrijiet rilaxxati minnu m'għandhomx ikollhom piż probatorju sabiex jiġi żgurat li l-proċess penali ma jiġix imniġġeż mill-irregolaritajiet fit-teħid ta' dawn l-stqarrijiet*

*8. L-appellati jwieġbu li skont il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tal-Qorti Ewropea nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju mhijiex awtomatikament leżiva tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, u li minflok għandhom jiġu applikati żewġ testijiet, u ċjoè t-test tal-compelling reasons u t-test tal-overall fairness tal-proċeduri. Jgħidu li dan japplika anke meta n-nuqqas ta' assistenza legali kien ir-riżultat ta' restrizzjoni sistematika fil-liġi, u dan kif jidher mis-sentenza tal-Qorti Ewropea flismijiet Farrugia v. Malta tal-4 ta' Ġunju 2019. Jargumentaw li f'dan il-każ l-attur ma weriex kif il-proċeduri kirminali kontra tiegħu ġew preġudikati irrimedjabbilment, u li jirriżulta li huwa kkomunika ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma rrilaxxa l-istqarrijiet u qed jipparteċipa b'mod sħiħ u dejjem assistit fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu, b'mod għalhekk li ttest tal-overall fairness huwa ċertament sodisfatt. Jargumentaw li l-Qorti tal-Maġistrati ser tagħmel apprezzament*

*sħiħ tal-provi li ġew quddiemha u ser tqis il-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxati mill-attur, u m'għandhiex tkun din il-Qorti li tiddeċiedi a priori jekk l-istqarrijiet humiex ammissibbli jew le jew jekk għandhomx valur probatorju meta m'għandhiex viżibilità sħiħa tal-proċeduri kriminali in kwistjoni.*

*L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"Il-liġi li kienet applikabbli dak iż-żmien li sar l-arrest u ġew meħuda listqarriji tar-rikorrent kienet ġiet introdotta bl-Att III tal-2002 fejn permezz tagħha ġie introdott is-segwenti artikolu (ta' relevanza għallkaż odjern huwa l-ewwel subartikolu.*

*"355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija biddrittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu."*
*Għalkemm bl-Att III tal-2002 ġie introdott id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali, kien biss fis-sena 2010 li ġiet fis-seħħ (ara Avviż Legali 35 tal-2010). Qabel dakinhar, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali u ċioè waqt li ssir interrogazzjoni mill-Pulizija.*

*L-Att LI tal-2016 imbagħad bidel l-artikolu 355AT u l-artikolu 355AU meta introduca fil-Kodiċi Kriminali d-dritt tal-assistenza legali kif maħsub fid-direttiva 2013/48/EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Għalhekk, illum il-ġurnata l-artikolu 355AT tal-Kap. 9 jistipula, inter alia, li l-persuna suspettata jew arrestata għandu jkollha 'dritt ta' aċċess għal avukat' u allura dan ifisser li llum, il-persuna suspettata jew arrestata għandha d-dritt għal avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija.*

*Il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta u tal-Qorti Ewropea rigward id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija u ċioè fil-pre-trial stage hija vasta u wieħed jista' jgħid ukoll xi ftit jew wisq konfliġġenti fid-dawl tal-fatt illi l-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea dwar dan is-suġġett inbiddlet tul is-snin. Din il-Qorti ser tagħmel referenza estensiva għall-ġurisprudenza l-aktar riċenti talQorti Ewropea u tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*Deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea hija proprju kontra Malta fil-każ ta' Farrugia v Malta, deċiża fl-4 ta' Ġunju 2019. Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tarrikorrent u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*"96. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51, and Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, § 255, 13 September 2016). The right becomes applicable as soon as there is a "criminal charge" within the meaning given to that concept by the Court's case-law and, in particular, from the time of the suspect's arrest, whether or not that person is interviewed or participates in any other investigative measure during the relevant period (see Beuze v. Belgium, [GC], no.71409/10, § 124, 9 November 2018 and Simeonovi v. Bulgaria [GC], no. 21980/04, §§ 111, 114 and 121, 12 May 2017).*

*97. In Beuze, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer (§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pretrial proceedings (§§ 133-134). 98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no. 37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of*

*the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purpose of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test.*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will*

*depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).”*

*L-imsemmija kawża ta’ Beuze v Belgium, tad-9 ta’ Novembru 2018, ġiet meqjusa wkoll fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali, tal-31 ta’ Mejju 2019. F’dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll sabet li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:*

*L-ewwel aggravju tal-attur huwa msejjes fuq l-argument illi:*

*«… … … gie stabbilit illi l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma’ avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta’ stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta’ dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea«.*

*Dan, jgħid l-attur, gie stabbilit f’dik li sejħilha “s-sentenza kjavi mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-12 ta' Jannar 2016 kontra Malta fil-kawza Mario Borg v. Malta”.*

*Qabel ma tikkummenta fuq il-kaz ta’ Borg il-qorti tosserva illi s-Sezzjonijiet Magħquda (Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet già qieset il-kwistjoni tad-dritt għall-għajnuna ta’ avukat fil-kaz ta’ Salduz v. It-Turkija u fil-parti relevanti qalet hekk*

*“… in order for the right to a fair trial to remain sufficiently ‘practical and effective’ ..., Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 ... The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.”*

*Għalkemm din is-silta tista’ tagħti x’tifhem illi huwa biss meta hemm “ragunijiet impellenti” (“compelling reasons”) biex ma titħalliex tingħata l-għajnuna ta’ avukat illi dan in-nuqqas ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, din hija biss regola ġenerali (“as a rule”). Fil-fatt, ukoll fil-kaz ta’ Salduz il-qorti, għalkemm sabet li ma kienx hemm ragunijiet impellenti biex il-persuna interrogata ma titħalliex tkellem*

*avukat, madankollu xorta qieset jekk, meqjus kollox, il-process kienx wieħed gust, għalkemm fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz sabet li ma kienx. Imbagħad, fil-kaz ta' ta' Ibrahim u oħrajn v. ir-Renju Unit il-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda kompliet tfisser illi:*

*»250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

*»251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings … … … »… … …*

*»262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.«*

*Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta giet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa certu punt anticipat din il-precizazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 in re Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali, meta osservat illi:*

*»14. … … … Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi zmien ragonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu.*

… … …

*»15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«*

*Fi kliem ieħor, trid tqis il-process fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.*

*Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tigi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien bizzejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:*

*»61. … … … indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment). »*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56). »*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «*

*Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara ssentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha.*

*Hekk, fil-kaz ta' Malcolm Said v. L-Avukat Ġenerali il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:*

*»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-kaz ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbuzi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar millQorti Ewropea. »*

*18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-kaz ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«*

*Ir-raguni izda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-kaz ta' Beuze v. il-Belgju, biex tippreciza aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-ligi domestika fiz-zmien relevanti ma kienitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u ma kien hemm ebda raguni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:*

*»120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... »*

*121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings.*

*... ... ... »... ... ...*

*»139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case- specific decisions taken by the competent authorities.*

*»140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ... »*

*141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each.of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

.........

*»144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons*

*weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Ibrahim and Others, ... § 265).*

*»... ... ...*

*»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.*

*»... ... ...*

*»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):»*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«*

*Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raguni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull kaz, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, izjed milli precizazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolgiment ta' dik il-gurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex precizazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolgiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti ragun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-gurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn jgħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħazin u huwa miċħud."*

*Dan il-prinċipju huwa dak segwit fl-aktar ġurisprudenza riċenti kemm tal-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Kif proprju intqal fil-każ ta' Charles Kenneth Stephens v Malta, tal-14 ta' Jannar 2020:*

*'72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, isegwi li l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex l-istqarrijiet ttieħdu mingħajr ma huwa kellu dritt għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat. Kif sewwa jissottomettu l-intimati, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.*

*Filwaqt illi għandu jingħad li l-intimati lanqas ma wrew li kien hemm raġunijiet tajbin sabiex iżommu lir-rikorrent milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li ttieħditlu l-istqarrija, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kinetx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt linterrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi r-rikorrent, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għallkonklużjoni tagħha.*

*Wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li bil-fatt illi l-istqarriji tar-rikorrent jibqgħu fl-atti, mhijiex ser tnaqqas mill-overall fairness tal-proċeduri.*

*L-ewwelnett jirriżulta mill-provi li dawn l-istqarriji mhumiex l-uniċi provi li għandu l-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tar-rikorrent. Middeposizzjoni tal-Kummissarju Gafà jirriżulta li l-Pulizija għandha provi konsiderevoli fil-konfront tar-rikorrent. Dawn il-provi ser jiġu evalwati minn Maġistrat u jekk jinstab ħati, ir-rikorrent jista' jappella u levidenza terġa' tiġi evalwata minn Imħallef.*

*Mhux hekk biss izda r-rikorrent ma rnexxilux juri li ġie leż jew x'aktarx ser jiġi leż d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-fatt illi ma setax ikun assistit minn avukat meta ttieħdulu l-istqarriji. Ir-rikorrent naqas milli juri li dawn l-istqarriji qegħdin jew ser jikkomprometu serjament id-difiża u l-qagħda tiegħu matul il-proċeduri kriminali. Fuq kollox, dakinhar tat-tielet u l-aħħar stqarrija, kien ir-rikorrent li rrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat. Għal kompletezza għandu jingħad illi dakinhar illi rrilaxxja t-tieni stqarrija, ir-rikorrent ma kellu l-ebda dritt illi jitlob li qabel jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu in kwantu li l-liġi dak iż-żmien kienet tipprovdi li l-akkużat ikollu dritt li jikkonsulta ma' avukat darba waħda biss meta jiġi arrestat u mhux qabel kull interrogatorju li jsir waqt l-istess perjodu ta' arrest. Fuq kollox, seta' facilment jikkonsulta avukat waqt li kien fuq police bail.*

*Ir-rikorrent naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Ir-rikorrent ma kienx ta' età tenera meta ġie interrogat u din ma kienitx l-ewwel darba li xellef difrejh mal-ġustizzja. B'żieda ma dan, ma tirriżultax xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu lmistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem limport taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Tant ir-rikorrent kien qiegħed jifhem l-import tas-sitwazzjoni li kien fiha meta rrilaxxja l-istqarriji, li dakinhar illi huwa rrilaxxja l-ewwel stqarrija, huwa ċaħad bil-qawwa l-akkużi kollha li saru kontrih u meta rrilaxxja it-tieni u t-tielet stqarrija, huwa rrifjuta illi jiffirmahom. Dawn il-fatturi kollha ser jiġu meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati meta ser tiddeċiedi l-każ tiegħu flimkien mal-provi l-oħra mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża.*

*Din il-Qorti qiegħda tqis ukoll li r-rikorrent xehed fit-tul viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn ingħata l-opportunità li jagħti lverżjoni tiegħu u jiddefendi ruħu bis-sħiħ mill-akkużi li qed jaffaċja inkluż, jekk ried, li jikkoreġi jew jiskarta kompletament dik il-verżjoni li kien ta lill-Pulizija meta rrilaxxja l-istqarriji tiegħu.*

*Huwa rilevanti wkoll li r-rikorrent qajjem l-ilmenti tiegħu snin twal wara li bdew il-proċeduri kriminali kontrih. Fil-fatt huwa jammetti fl-affidavit li ppreżenta għal finijiet ta' dawn il-proċeduri li qed jallega ksur taddritt għal smigħ xieraq biss għaliex l-avukati tiegħu qalulu li l-istqarriji*

*ttieħdulu ‘b’mod illegali’ u li dan l-aħħar ingħataw xi sentenzi lokali u esteri fejn stqarriji bħal tiegħu jew iddikjarati ‘ħżiena.’*

*Ir-rikorrent jipprova jagħti l-impressjoni li ma kienx jaf dwar xhiex ġie arrestat u li għandu jitqies li kien vulnerabbli għaliex ma setax jieħu lmediċini preskritti fost allegazzjonijiet oħra li għamel kontra lKummissarju Gafá u membri oħra tal-Korp. Madanakollu, fil-fehma talQorti r-rikorrent ma jistax jitqies affidabbli meta quddiem din il-Qorti xehed illi lanqas biss jiftakar jekk qabel l-proċeduri kriminali de quo qattx ittieħdu proċeduri kriminali kontrih. Bniedem ma jinsiex li jkun tressaq il-Qorti u mixli, wisq aktar jekk ikun instab ħati ta’ xi reat.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bil-fatt biss illi meta huwa ġie interrogat u ttieħdulu l-istqarrijiet, l-liġi ma kienitx tippermetti li jkun megħjun minn avukat.”*

***Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti***

*10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta’ din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta’ dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x’aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.*

*11. Fil-każ odjern m’hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma’ avukat, wiċċ imb’wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta’ siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali lattur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta’ jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta’ kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta’ provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.*

*12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta’ dawn il-proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-*

*appellant kien involut f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm l-appellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla z-zokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt l-ebda kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità.*

*13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din ittema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, Martin Dimech v. Malta tat-2 ta' April 2015 u Tyrone Fenech et v. Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.*

*14. F'dawk is-sentenzi I-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta Iproċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi I-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:*

*"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see*

*Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for nonexhaustion of domestic remedies"*

*15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li I-proċess li minnu jkun qed isir I-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.*

*16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi I-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi I-ilment de quo agitur jiġu diskussi f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat listqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.*

*17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi millpreżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova lakkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.*

*18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti talkwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.*

*19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.*

*20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.*

*21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li lQrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi talevidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ Carmel Camilleri v. Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi.*

*«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »*

*22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara flaħħar sentenza Roderick Castillo v. Avukat Generali et deċiża millQorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:*

*"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat*

*tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara flistadju tal-appell"*

*23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et.**[17] intqal hekk dwar din il-lanjanza:-

*"Safejn rilevanti għall-appell in disamina, il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti kienet sostanzjalment is-segwenti: "Il-Qorti tqis illi mill-atti processwali jidher illi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ma sarulu l-mistoqsijiet mill-Pulizija u qabel ma huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, u hu ghazel li jaghmel uzu minn dak d-dritt. Minbarra dan fiz-zmien in kwistjoni ma kien hemm l'ebda lment da parti tar-rikorrenti li ma kienx inghata parir legali qabel ma' ta' l-istqarrija.*

*Illi ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk l-access ghallAvukat li kellu r-rikorrent f'dak iz-zmien kienx jirrispetta l-elementi talArtikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

...

*Il-Qorti tqis illi d-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar idDrittijiet tal-Bniedem hija cara fis-sens illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ kull każ individwalment sabiex jigi stabbilit jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kelliex assistenza legali waqt it-teħid talistqarrija, dan setghax impinġa fuq is-smiegħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.*

*Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent gie arrestat bil-lejl, bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013, u ttehditlu stqarrija dak il-hin stess wara li gie arrestat. Huwa nghata s-solita twissija u kien tkellem ma' avukat tal-fiducja tieghu. Imbaghad kien volontarjament ha gurament fuq din listess stqarrija quddiem il-Magistrat inkwirenti.*

*Illi l-ligi applikabbali fis-sena 2013, kienet l-Artikolu 355AT tal-Kodici Kriminali (KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta), illi kien jistipula hekk:*

*"355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn*

[17] 31/5/2023 Q.K. 874/2021ISB

*siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija biddrittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu."*

*Il-Qorti tqis illi hawnekk jirrizulta illi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat bit-telephone qabel ma ghamel l-istqarrija tieghu u fil-fatt hekk jirrizulta illi ghamel. Jirrizulta wkoll li qabel ma' huwa rrilaxxja l-istqarrija, huwa kien imwissi bil-konsegwenzi tal-istess stqarrija. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li r-rikorrent kellhu tmintax il-sena u li din kienet l-ewwel darba li kien dahal f'ghassa tal-Pulizija.*

*Il-Qorti tqis illi din il-kawza fil-konfront tar-rikorrent tinsab issa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara illi l-Qorti fl-ewwel istanza tat id-decizjoni taghha u sabiet il-htija*

*Il-Qorti tqis illi bhala overall fairness, hu prematur li wiehed jghid li l-istqarrija wahedha twassal ghal allegata vjolazzjoni tad-dritt ghassmiegh xieraq tar-rikorrent. Din il-Qorti tinnota wkoll li quddiem il-Qorti tal-Appell Kirminali saret talba da parti tar-rikorrenti sabiex l-ewwel tiddeciedi dwar l-ewwel aggravju u wara tevalwa l-aggravji l-ohra. F'dan l-ewwel aggravju hu attaka l-validita` tal-istqarrija li huwa kien rrilaxxa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet taghha tal-14 ta' Settembru 2021, sostanzjalment qalet li ma kienx hemm talba ghall-isfilz tal-istqarrija, izda dwar il-validita` o meno tal-istqarrija. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk ddecidiet li m'ghandiex tispezzetta l-procedura u li "l-Qorti trid qabel xejn tisma x'ghandhom jghidu l-appellant u l-Avukat Generali dwar dan l-aggravju matul il-kors tat-trattazzjoni tal-appell." Ghalhekk cahdet t-talba tar-rikorrent.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi meta ssir evalwazzjoni tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja rigward dan il-punt, wiehed jista` jara li kollox gie stabbilit fil-kawza ta' Beuze kkwotata aktar il-fuq.*

*…………*

*Il-Qorti tqis li minn naha wahda, ir-rikorrent veru li ma kellux lpresenza ta' l-Avukat waqt illi rrilaxxja l-istqarrija, daqs kemm huwa minnhu illi l-istqarrija kienet, fiha nnifisha, tinkrimina lir-rikorrenti. Ukoll huwa minnhu illi r-rikorrent kellu 18 il-sena u kienet l-ewwel darba illi ttiehed l-ghassa tal-pulizija.*

*Tqis pero` minn naha l-ohra illi r-rikorrent kien inghata u uza d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u anke nghata d-debita twissija. Tqis ukoll illi l-istess stqarrija kienet guramentata u fuq kollox*

*huwa ferm evidenti minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi l-Qorti qieset provi ohra biex wasslet ghad-decizjoni taghha ta' htija. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija magħmula mill-imputat ma tistghax titqies bhala waħda determinanti, peress illi minn qari akkurat tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kif appellata quddiem il-Qorti Kriminali johrog evidenti illi l-gudizzju tal-ewwel Qorti u li issa ser ikun ukoll sindakat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, jmur lil hinn mis-semplici stqarrija moghtija in kwantu illi l-Qorti qieset ukoll provi ohra, fosthom xhiedha okulari ta' ufficjali tal-Pulizija.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi fl-eta' ta' 18 il-sena, l-imputat jista' jigi meqjus illi kien zghir fl-eta', u hekk hu anke jekk kellu l-eta' tieghu, pero` minn dak li nghad minnhu fl-istess stqarrija - verzjoni b'ebda mod kontradetta fil-kors tal-proceduri -, huwa kien mitlub minn terza persuna (Dweight) sabiex jipprovdi pilloli ecstasy, peress illi t-terz kien jaf illi l-imputat kien ser ikun fil-presenza ta' persuna (il-lahmi) li jkollu fuqu il-pilloli ecstasy, kif fil-fatt jidher illi kien il-kaz, ghaliex l-imputat jidher illi ottjeni l-pilloli u ghaddihom lit-terz. Ta' dik l-eta, zghira kemm hi zghira, anke hallas ghal dawk il-pilloli u gabar flusu lura.*

*Il-Qorti tifhem illi ta' eta' tenera, ir-rikorrent kien ben konxju ta' dak li kien qed jaghmel, u ma kelliex tkun sorpriza ghalih illi jekk il-Pulizija sejjhitlu ghal dak li rat jigri, huwa jigi mitkellem u nterrogat wara illi kien ikkonsulta mal-Avukat tieghu.*

*Din il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrent naqas milli juri li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Lanqas ma tirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi u wara illi kkonsulta mal-Avukat tieghu.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ghaddha minn process giudizzjajru fl-ewwel istanza u ma jirrizulta minn mkien lezjoni taddrittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta minn Maġistrat, iddeċidiet il-kawża Kriminali wara li semgħet u qieset il-provi kollha u għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu. Fissentenza tal-Qorti hemm ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex issib lillattur ħati. Ghaliex il-Qorti kienet f'pożizzjoni tqis l-provi kollha li tressqu quddiemha, anke u rrispettivament ta' x'setgħa qal lill-pulizija l-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-*

*imputat ngħata kull opportunita` li jressaq il-provi li ried u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda tal-prosekuzzjoni li ried. Process fl-ewwel istanza, illi issa fuq kollox ser ikun skrutinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, illi ma hemmx dubbju illi ser tevalwa u tqis laggravji kollha li ressaq l-hemmek appellant."*

*7. Ir-rikorrent appella fl-14 ta' Ottubru 2022 u talab lil din il-Qorti sabiex:*

*"tirriforma s-sentenza appellata ... billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati fejn iddikjarat l-intimat Kummissrju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali bħala li mhumiex il-leġittimi kontradittiuri, u wkoll fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata filbqija, u dan billi, filwaqt li tilqa t-talbiet kollha tal-appellanti kif dedotti minnu fir-rikors promutur tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minn l-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, u dna bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appellat."*

*8. L-appellati wieġbu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha b'dan illi l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud inkwantu infondat fil-fatt u fid-dritt.*

*L-Aggravju*

*9. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent baqa' jirrepeti li seħħ ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward għamel referenza għal*

*9.1. L-element tal-volontarjetà: hemm diversi deċiżjonijiet ta' din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fejn ġew skartati stqarrijiet minkejja li kienu ngħataw volontarjament, wara li ġiet mogħtija d-debita twissija, kif ukoll wara l-użu tad-dritt ta' konsulenza ma' avukat qabel l-interrogazzjoni (The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor, Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali, Morgan Onuorah v. Avukat tal-Istat, il-Pulizija v. Jason Cortis, Il-Pulizija v. Aldo Pistella, The Police v. Alexaner Hickey, Clive Dimech v. Avukat Ġenerali, Anna Gertrude d' Amico v. Kummissarju tal-Pulizija);*

*9.2. Dwar l-element tal-vulnerabilità: hemm ukoll ġurisprudenza ampja fejn persuni ta' età tenera li qatt ma kellhom esperjenza preċedenti mal-Pulizija ġew meqjusa vulnerabbli (The Police v. Alexaner Hickey, Il-Pulizija v. Alvin Privitera, il-Pulizija v. Esron Pullicino, Il-Pulizija v. Josianne Azzopardi, Salduz v. Turkey, il-Pulizija v. Carmel Polidano);*

*9.3. Dwar il-fatt li l-istqarrija ġiet maħlufa quddiem il-Maġistrat tal-Għassa: hemm ukoll ġurisprudenza fejn stqarrijiet ġuramentati ġew*

*dikjarati inammissibbli (Christopher Bartolo v. Avukat talIstat, Il-Pulizija v. Josianne Azzopardi.*

*9.4. Dwar il-fatt li hemm provi oħra li straħet fuqhom il-Qorti talMaġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li kellu kull opportunità jressaq il-provi tiegħu, inkluż li jagħmel ilkontroeżamijiet tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni: ilġurisprudenza tirrikonoxxi li prova waħda ottjenuta kontra l-liġi tista' waħidha tikkontamina l-proċess kollu (Brian Vella v. LAvukat Ġenerali, Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Xerri, Repubblika ta' Malta v. Anthony Bugeja et, Albu u Ohrajn v. Romania*

*Konsiderazzjonijiet*

*10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.*[18]

*11. F'sentenza riċenti*[19] *tal-QEDB, Lalik v. Poland (Application no. 47834/19) ġie mtenni:*

*"64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*

*65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*

[18] Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018 u Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta' Ottubru 2020.

[19] 11 ta' Mejju 2023

*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150).”*

*12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża millGrand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux ilpossibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.*

*13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma’ avukat, wiċċ imb’wiċċ jew bittelefon, għal żmien ta’ siegħa, qabel ma jiġi interrogat.*

*14. Hu fatt li meta r-rikorrent ta l-istqarrija lill-pulizija kien għadu ser jagħlaq dsatax-il sena u ma jirriżultax li kellu xi esperjenzi preċedenti simili mal-pulizija jew il-qrati.*

*15. Min-naħa l-oħra jirriżulta li qabel ta l-istqarrija r-rikorrent tkellem ma’ avukat ta’ fiduċja tiegħu, kif kellu jedd li jagħmel.*

*16. Ir-rikorrent ingħata wkoll twissija ċara li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi, u dak li jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jista’ jinġieb bi prova. Saħansitra kien ikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li qal li “.... jiena tkellimt ma’ avukat u kien għalhekk li rrilaxxajt din l-istqarrija”.*

*17. Minn meta tressaq il-qorti dejjem kien assistit minn avukat ta’ fiduċja tiegħu u tul il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) altru milli kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità ta’ dak li hemm miktub li qal lill-pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti.*

*18. Kontra r-rikorrent tressqu provi oħra. Tant hu hekk li l-Qorti talMaġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali straħet fuq provi oħra tal-prosekuzzjoni (PS 1220 u r-rapport tal-espert Godwin Sammut) sabiex sabet ħtija. Fil-fatt dik il-Qorti ddeskriviet id-deposizzjoni ta’ PS 1220 Chris Baldacchino bħala l-prova prinċipali. Fis-sentenza l-Qorti għamlitha ċara li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx “.... dik il-prova eskussiva jew determinanti li fuqha qiegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat”. Saħansitra dik il-Qorti kkunsidrat ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-*

*qrati Maltin f'każijiet dwar stqarrijiet li jittieħdu fi stadju qabel is-suspettat jitressaq ilqorti u mis-sentenza hu evidenti li ma qisitx l-istqarrija u xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala l-provi determinati sabiex sabitu ħati ta' traffikar u pussess ta' ecstasy bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013.*

*19. Kien biss fit-trattazzjoni li r-rikorrent argumenta li l-istqarrija u xxhieda li ta quddiem il-Maġistrat, ma tistax tintuża għaliex ma kienx preżenti avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan kien tmien snin wara li tressaq ilqorti.*

*20. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irrikorrent lanqas ma rtira l-istqarrija jew biddel dak li qal lill-pulizija. Saħansitra kkonfermaha bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti, persuna indipendenti mill-pulizija, u tenna li kien għamel l-istqarrija b'mod volontarju wara li ngħata twissija u tkellem ma' avukat.l*

*21. Saħansitra, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 l-avukat li ddefendih iddikjara li l-imputat, ".... qed jeżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' bħala xhud tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat u tal-identita tiegħu lil PS 168 Stephen Monreal".*

*22. Saħansitra r-rikorrent ħa benefiċċju mill-fatt li kien ikkopera malpulizija waqt l-investigazzjoni, għaliex dan ġie rifless fil-piena (ara dik ilparti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bit-titlu "konsiderazzjonijiet dwar il-piena").*

*23. Inoltre, ir-rikorrent għad għandu appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ġudikant ieħor ser jistħarreġ l-ilmenti kollha tiegħu u jagħmel l-apprezzament tal-provi mill-ġdid biex finalment jiddetermina jekk humiex ġustifikati.*

*24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha sub judice, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li rrikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu lproċeduri kriminali bla bżonn.*

*Konklużjoni Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata blispejjeż kontra r-rikorrent. Peress li tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12)."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Jeffrey Cassar vs L-Avukat Ġenerali et.**[20] għalkemm hawn ir-rikorrenti kien qed jilmenta ukoll mill-inferenza kif introdotta fil-liġi marbuta mal-emendi fejn jirrigwarda d-dritt ta' assistenza ta' avukat, il-Qorti qalet dan dwar lanjanza li tolqot l-istess artikoli hawn invokati:-

*"19. Ir-rikorrent jilmenta illi għalkemm f'ħafna każijiet proċess irid jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu, hemm ċertu leżjonijiet li tant huma importanti li għandhom jitqiesu waħedhom. Jgħid li d-dritt ta' assistenza ta' avukat waqt l-investigazzjoni huwa dritt li jaqa' taħt id-drittijiet minimi stabbiliti flArtikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u għalhekk m'hemmx għalfejn li wieħed joqgħod iqis kwistjonijiet bħall-vulnerabbilità tal-individwu. Lanqas ma jaqbel li l-Qorti tal-Appell Kriminali straħet fuq provi oħra apparti l-istqarrija tiegħu. Finalment jgħid li ta' importanza kbira huwa l-mod ta' kif ingħata t-twissija għaliex kieku għażel li jkellem avukat qabel ma rrilaxxja listqarrija tiegħu, fejn ma jweġibx seta' jittieħed kontra tiegħu.*

*20. L-intimati tennew illi d-dritt għal smigħ xieraq għandu jiġi kkunsidrat billi jittieħed qies tat-totalità tal-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux f'mument partikolari jew episodju iżolat. Jissottomettu illi l-appellat ma kienx kompletament imċaħħad aċċess għall-avukat matul l-istadju talpre-trial u ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi ta' dak iż-żmien, ossia, iddritt li jikkonsulta ma' avukat qabel il-bidu tal-interrogazzjoni. Kienet għażla tiegħu li ma jipprevalix minn dak id-dritt. Inoltre ġie nfurmat biddritt tiegħu li jibqa' sieket. Jirreferu mbagħad għall-każ ta' Jean Marc Dalli v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fil-31 ta' Mejju 2023 u l-każijiet tal-QEDB fl-ismijiet Beuze v. Belgium u Farrugia v. Malta, u jsostnu li rrikorrent ma kienx persuna vulnerabbli meta ta l-istqarrija lill-Pulizija u kien hemm salvagwardji biżżejjed sabiex jiggarantixxu l-overall fairness tal-proċeduri. Jgħidu finalment li l-ħtija tal-appellant ġiet determinata millQorti tal-Appell Kriminali nnifisha u mhux minn ġurati.*

*21. Tassew, il-ġurisprudenza tal-QEDB illum tagħraf illi l-fatt waħdu li suspettat ma jkunx ingħata l-possibilità li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu matul l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li jkun ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Wieħed irid iżda jqis l-overall fairness tal-proċeduri:*

*"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the*

[20] Kost 116/23/3 LM 26/06/2024

*particular case (see Ibrahim and Others, cited above, § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ...*

*121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 ...*

*122. Those minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 are, nevertheless, not ends in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 251 and 262, and Correia de Matos, cited above, § 120)."*[21]

*22. In Farrugia v. Malta4 the ECHR reiterated that: "99. ... In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an*

[21] Beuze vs Malta

*individual and case specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146). 103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149). (iii) Relevant factors for the overall fairness assessment 104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150)".*

*23. Meta r-rikorrent ta l-istqarrija fil-21 ta' Novembru 2015, kellu 31 sena5 u dik ma kinitx l-ewwel darba li xellef diffrejh mal-ġustizzja6 . Provi li kien vulnerabbli m'hemmx.*

*...*

*25. Fattwalment jirriżulta illi:*

*25.1. qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, ir-rikorrent ġie nfurmat biddritt li jieħu parir ta' avukat tal-għażla tiegħu;*

*25.2. kien ir-rikorrent li għażel li ma jitkellimx ma' avukat qabel ilPulizija interrogawh ;*

*25.3. qabel ma saritlu l-interrogazzjoni ngħata s-segwenti twissija: "li m'inix obbligat li nirrispondi għad-domandi li ser isiruli, iżda dak kollu li ser ngħid jitniżżel kollox bil-miktub u jista' jinġieb bħala prova. Qed niġi avżat li għandi dritt biex inkellem avukat jew PL tal-għażla tiegħi u f'każ*

*li inkelmu l-liġi tal-inferenza tidħol fis-seħħ, fil-fatt għażilt li nieħux parir legali."*

*25.4. huwa wieġeb għad-domandi li sarulu: "volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi. Hija l-verità u wara li qrajtha jien stess, nistqarr li ma rrid inżid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u nagħżel li niffirmaha"*

*26. Fil-kors tal-kawża kriminali ma saret l-ebda allegazzjoni jew prova li r-rikorrent ta l-istqarrija minħabba li ġie mġiegħel jew imwieġħed xi ħaġa.*

*27. Ir-rikorrent jilmenta iżda li t-twissija li tawh il-Pulizija qabel bdiet linterrogazzjoni kienet difettuża għaliex jekk ikkomunika ma' avukat ".... kienu joħolqu żewġ ċirkostanzi preġudikali għalih li huma s-segwenti:*

*"1) Illi jekk huwa kien jingħata parir biex ma jweġibx waqt l-istqarrija allura din il-fattur seta' jittieħed in konsiderazzjoni kontra tiegħu.*

*28. Fl-ewwel lok meta r-rikorrent ta l-istqarrija ma kienx jeżisti d-dritt li s-suspettat ikollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Fit-tieni lok, mhuwiex veru li kieku tkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u ngħata parir biex ma jweġibx għad-domandi tal-Pulizija, dak il-fatt seta' jittieħed inkonsiderazzjoni kontra tiegħu. Fiż-żmien rilevanti l-liġi ma kinitx tgħid hekk. L-inferenza mill-Qorti setgħet issir biss jekk matul linterrogazzjoni s-suspettat ikun naqas milli jsemmi fatt li matul il-kawża jistrieħ fuqu fid-difiża. Dak ma kienx il-każ tar-rikorrent. Apparti l-fatt li linferenza waħedha ma kinitx biżżejjed biex tinstab ħtija fl-akkużat.*

*29. Il-Qorti żżid tosserva wkoll li:*

*i. matul il-kawża kriminali r-rikorrent kieku ried kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità tal-istqarrija, kif ukoll iċċirkostanzi li fihom ittieħdet. Ħaġa li m'għamilx minkejja li tul ilproċeduri kriminali kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu;*

*ii. matul il-kawża kriminali ma rtirax jew biddel dak li qal fl-istqarrija;*

*iii. L-apprezzament tal-provi sar minn Imħallef;*

*30. Ovvjament l-apprezzament tal-provi kellu jsir, kif fil-fatt sar, millQorti tal-Appell Kriminali, li kellha wkoll tiddeċiedi jekk f'dan il-każ kienx hemm l-elementi tar-reat kriminali ta' approprijazzjoni indebita. Fil-fatt dak l-eżerċizzju sar u din il-Qorti m'għandhiex il-kompitu li toqgħod tistħarreġ ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex tiddeċiedi taqbilx jew le mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti.*

....

*32. Għalkemm l-istqarrija tressqet mill-prosekuzzjoni bħala prova u ssemmiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, f'dan il-każ xehed sid il-ħanut li ta l-verżjoni tiegħu dwar dak li ġara bejnu u r-rikorrent. Hu evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali emmnet il-verżjoni li ta dak ix-xhud. Hu fatt ukoll li ma jirriżultax li x-xhud qal xi affarijiet li ma kkonvinċewx lil dik il-Qorti. Lanqas ma ssemmew provi li jikkontradixxu dak li qal ix-xhud. Li hu ċert hu li r-rikorrent ingħata numru ta' oġġetti tad-deheb minn sid ilħanut biex jurihom lit-tfajla u lil nanntu u ma rritorna xejn lura minnhom, minkejja li sid il-ħanut ripetutament ikkomunika mar-rikorrent sakemm imbagħad fil-21 ta' Novembru 2011 għamel rapport mal-Pulizija.*

*33. Saħansitra fis-seduta tad-19 ta' Diċembru 2016 li saret quddiem ilQorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ir-rikorrent iddikjara li kien ser jirritorna ċ-ċurkett u l-imsielet sal-aħħar ta' Marzu, filwaqt li l-kumplament ser iħallsu permezz ta' ħlas ta' €200 kull xahar. Dikjarazzjoni li għamel volontarjament fil-preżenza tal-avukat li dak iż-żmien kien jippatroċinah. Irriżulta wkoll li fil-mori tal-kawża kriminali rrikorrent għamel ħlasijiet lil sid il-ħanut (ara f'dan ir-rigward il-verbali talproċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2017, 15 ta' Jannar 2018, 23 ta' April 2018, 15 ta' Ottubru 2018, 4 ta' Frar 2019, 11 ta' Marzu 2019 u 2 ta' Diċembru 2019). Imbagħad kien fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 li sid il-ħanut iddikjara li kienet għadha dovuta s-somma ta' €2,120. Ħlasijiet li r-rikorrent għamel waqt l-istadju tal-provi tiegħu.*

*34. Mis-sentenza stess hu altru milli evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha biżżejjed provi biex issib lir-rikorrent ħati tar-reat ta' approprijazzjoni indebita irrispettivament minn dak li r-rikorrent seta' qal fl-istqarrija. Għalhekk l-istqarrija ma kinitx prova kruċjali sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali ssib ħtija fir-rikorrent.*

*35. Għalhekk fil-mertu l-ilment tar-rikorrent hu infondat."*

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti hija ben konxja mill-fatt illi kull deċiżjoni hawn ċitata ma tolqotx eżatt l-fatti speċi tal-każ in eżami u wisq inqas il-liġi jew emendi li kienu vigenti fiż-żmien ilmentat. Pero kull sentenza tolqot sew il-mertu n kwistjoni, l-allegat ksur ilmentat ukoll l-analiżi li għamlet il-Qorti f'kull kaz u it-tip ta' analiżi li għandu jsir għad-determinazzjoni ta' din il-vertenza.

Żgur u dan huwa ndubitat illi kull każ jinħtieġ jiġi eżaminat fuq il-fatti speċi tal-każ partikolari tiegħu biex il-Qorti tara jekk ġewx sodisfatti jew le ir-rekwiżiti u l-elementi kif su elenkati.

- Bla dubbju l-liġi domestika viġenti fiż-żmien lir-rikorrenti irrilaxxa l-istqarrija tiegħu kienet tali li ma kienetx tippermetti l-assistenza legali kemm qabel ukoll fiż-żmien tat-teħid ta' l-istqarrija.
- Huwa ukoll inkontestat lir-rikorrenti ġie mogħtija d-debita twissija li kienet mandatorja qabel ma tittieħed stqarrija u li hu għażel li jirrilaxxa minn jeddu l-istess lil pulizija investigattiva.
- Bla ma din il-Qorti tidħol f'xi valutazzjoni tal-provi, ċar li l-ewwel Qorti għamlet valutazzjoni akkurata ta' kull prova mressaq lilha fl-atti proċesswali.[22]
- Daqstant ieħor huwa fattur rilevanti u mhux ikkontestat li l-imputat minn jeddu għażel li jieħu l-pedana u jixhed bil-ġurament fejn ta l-verżjoni tiegħu

[22] Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati a folio 161 per Magistrat Dr. Ian Farrugia.

tal-fatti. Kien biss wara li ta tali verżjoni, li tramite l-avukat tiegħu stess u mistoqsi mill-istess avukat huwa ikkonferma l-istqarrija li ġiet moqrija lilu.[23]

- Tinnota ukoll illi mill-atti kriminali allegati imkien tul perjodu twil ta' żmien li ħadet biex tinstema' u tiġi determinata l-akkuża mressqa, ma ġie avvanzat ebda ilment dwar il-mod kif ittieħdet l-istqarrija, lanqas fl-aggravji ta' l-appell intavolat mill-istess imputat. Dan non ostante li fil-mori tal-proċeduri kriminali din il-vertenza ta' l-assistenza legali tul l-istqarrija u l-investigazzjoni kienu suġġett ta' dibattitu jaħraq u mqanqal f'pajjiżna b'konsegwenzi mhux negliġibbli politikament u kienet sew fid-dominju pubbliku.

- Lanqas huwa korrett ir-rikorrenti lil-Qorti tal-Appell straħet biss fuq l-istqarrija tiegħu biex wasslet biex tikkonferma l-ħtija. Qari tas-sentenza attakkata, għax stranament ir-rikors jagħmel biss riferenza għal dan u jeskludi l-ewwel sentenza, tara lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) għamlet eżami akkurat tax-xhieda kollha prodotta. Sentenza ma tistax tinqara billi taqbad paragrafu b'mod iżolat ad esklussjoni ta' kull kunsiderazzjoni u valutazzjoni oħra hemm imniżżla.

[23] Ara xhieda tar-rikorrenti imputat afolio 105 atti kriminal.i inklużi ma l-atti ta' l-Appell.

- Tqies ukoll li ħarsa lejn il-fedina penali ta' l-imputat turi li dan ma kienx l-ewwel darba li xellef difrejħ mal-liġi, ukoll li dan tressaq meta kellu tletin sena, ma kienx tifel jew immatur fl-eta'. Oltre dan ma ġie muri qatt li hu kien b'xi mod vulnerabbli.

Konsegwentement tenut dana kollu mislut u ikkunsidrat ma tarax kif ir-rikorrenti ġie b'xi mod sofferenti ta' kull leżjoni ilmentat minnu. Tinsab ċerta anzi li dan ir-rikors tressaq biss u unikament bil-ħsieb li fejn ma wassalx fl-appell jasal hawn billi ġġiegħel lil din il-Qorti terġa' tagħmel rivalutazzjoni tal-provi u b'hekk jakkwista t-tielet ċans. Fatt dan li din il-Qorti mhux se tagħmel.

**Konsegwentement fil-waqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati fl-ambitu ta' dak deċiż tiċħad għal kollox kull talba tar-rikorrenti bi spejjeż għalih.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**